**Minuti**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali Pembroke**

# *Laqgha Nru. 10/K7/2016*

Data: ***30/08/2016***

Hin: ***13:00***

Post: ***Kunsill Lokali Pembroke, Triq Alamein, Pembroke.***

---

| | |
|---|---|
| Prezenti: | ***Dean Hili***– *Sindku* |
| | ***Evelyn Vella Brincat*** – *Kunsillier* |
| | ***Mark Causon*** – *Kunsillier (wasal fis-13:30)* |
| | ***Charles Cesare*** – *Kunsillier* |
| | ***Kevin Borg*** – *Segretarju Ezekuttiv* |
| Skuzati: | ***Raymond Lanzon*** – *Vici Sindku* ***(Dok. 1)*** |
| | ***Rebecca Spiteri*** – *Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh* ***(Dok. 2)*** |

## AGENDA

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 09/K7/2016.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 09/K7/2016.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Attivitajiet Edukattivi, Kulturali u Socjali.**
8. **Aggudikar ta' tenders 04, 05, 06/2016.**
9. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
10. **Materji ohra.**

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-laqgha kienet qed tigi streamed online.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 09/K7/2016.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 09/K7/2016 kifipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 09/K7/2016.

2.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-Minuti 09/K7/2016 fejn irrimarka li l-unika item li hemm, kienet dwar il-mawra t'Ghawdex fejn minhabba cirkostanzi li mhux fil-kontroll tal-Kunsill, ser isir tibdil fil-programm.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 14/2016** - Kwotazzjoni ghat-trasport **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 15/2016** - Lista ta' laqghat li saru 09/K7/16 u 10/K7/16 **(Dok. 4)**

3.02. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-works orders mahruga bejn laqgha u ohra fejn ippropona r-ratifikazzjoni taghhom, liema works orders inhargu skond l-esigenzi li kellu l-Kunsill.

| Works Order | | Data | Kumpanija | Xoghol |
|---|---|---|---|---|
| 123 | 2016 | 26/07/2016 | Pembroke Self Service | Tlabna jissupplixxi xi ikel u xorb ghal-laqgha tal-Kunsill. |
| 124 | 2016 | 29/07/2016 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jinqala' bank ta' l-injam imkisser mill-picnic area. |
| 125 | 2016 | 02/08/2016 | Mica Med Ltd | Tlabna sabiex tissewwa bozza numru W023 quddiem dar numru 28 fi Triq Patri Indri Vella. |
| 127 | 2016 | 03/08/2016 | Jason Vella | Tlabna sabiex jibdel il-gyzer tal-kcina. |
| 128 | 2016 | 04/08/2016 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex tinbidel tabella ta' directional sign fi central strip u tinbidel tabella ta' give way minn fuq ic-central strip fi Triq L. V. Farrugia. |
| 129 | 2016 | 08/08/2016 | Paramount Coaches | Transport minn Pembroke ghac-Cirkewwa u lura. |
| 130 | 2016 | 08/08/2016 | Seashells | Ikel u transport ghall-gurnata Ghawdex fil-5 ta' Settembru. |
| 131 | 2016 | 09/08/2016 | Maltapost | Tqassim ta' flyer bieb bieb - Gurnata Ghawdex. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 132 | 2016 | 16/08/2016 | Mica Med | Tlabna sabiex jissewwew numru ta' bozoz fi Gnien Madre Tereza ta' Kalkutta. |
| 133 | 2016 | 19/08/2016 | Ells' Urban Services | Tlabna li jsir patching madwar Triq Patri Serafin Zarb. |
| 134 | 2016 | 25/08/2016 | Mica Med | Tlabna sabiex tissewwa bozza numru W117, li tigi mal-kantuniera ta' Blk 2, Triq il-President Anton Buttigieg. |
| 135 | 2016 | 26/08/2016 | Mica Med | Tlabna sabiex tissewwa l-ewwel bozza li minn Triq il-Mediterran taghti ghall-grounds ta' Pembroke Athleta. |
| 136 | 2016 | 27/08/2016 | Mica Med | Tlabna sabiex tissewwa bozza li tixgħel u titfi fi Triq Don Luigi Rigord bi numru W156 bejn Dar 8 u 6. |

3.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill bl-ilmenti li kien ghad hemm pendenti.

| | |
|---|---|
| 44 | Informa l-Kunsill li c-cint ta' quddiemu fi Triq Patri Pelagju Mifsud qed jinbezaq fuq il-bankina minhabba li l-gheruq tas-sigra kibru. |
| 45 | Issugerit sabiex fil-Gnien 4 ta' Lulju isir xi outdoor gym. |
| 46 | Talbet sabiex issir shade mal-bozza li hemm imwahhla quddiem id-dar taghhom (44, Triq l-Isqof Angelo Portelli) minhabba li jidhlilhom hafna dawl fil-kamra tas-sodda. |
| 47 | Talbet sabiex isir xi patching madwar Blokk 7 fi Triq Patri Serafin Zarb minhabba li l-hofor kibru hafna. |
| 48 | Informat il-Kunsill li waqghet minhabba hofra fuq il-bankina fil-kantuniera qabel tinzel ghal Triq il-Fortizza. |
| 49 | Talbet biex ir-rotta 103 tibda tghaddi minn Triq il-Mediterran u tohrog ghat-traffic lights. |

3.06. Is-Sindku Dean Hili ppropona li dwar ilment **44** : il-Kunsill ghandu jiehu l-parir tal-Perit tal-Kunsill dwar x'jista' jsir; dwar ilment **45** : il-Kunsill ghandu jikkunsidra li jitpoggew xi apparat ta' gym wara li l-Kunsill ikollu indikazzjoni tal-prezzijiet u tintbaghat mistoqsija lis-Seg. Parlamentari dwar jekk hemmx xi skema finanzjarja miftuha dwar dan; dwar ilment **46** : tigi ordnata; dwar ilment **47** : jigi ordnat il-patching; dwar ilment **48** : jekk hemm hsara tigi rranagta, u dwar ilment **49** : nghaddu s-suggeriment lil-TM.

3.07. ***Il-Kunsillier Mark Causon wasal fis-13:30.***

3.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-Kunsill jinghata dettalji tal-hinijiet li tal-linja tinzel lejn Martin Luther King filwaqt li s-Sindku Dean Hili zied li jekk huwa possibbli l-Kunsill ghandu jinghata rendikont ta' kemm qed jintuza t-trasport pubbliku fil-lokal.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn **il-27 ta' Lulju u t-30 ta' Awwissu 2016** u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/2751/16/I**
**09/08/2016**
Email minghand St. Michael School fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jiehdu hsieb bicca hamrija li tinsab fuq barra tal-gate tal-iskola.

6.02. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2751/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni bil-kundizzjoni li dan ikun minghajr ebda pretenzjonijiet.

6.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda u zied li d-dirigenza ta' St. Michaels School ghandhom ukoll jigu mitluba jiehdu hsieb it-tindif tas-sit li hemm fil-genb tal-iskola fejn suppost kellu jsir il-car park.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona li dwar is-sit li hemm bejn is-St. Michael School u Triq ANZAC, ghandha tintbaghat ittra permezz tal-Avukat tal-Kunsill lil Fino Group, b'kopja lill-PA, lill-Onor. Ministru Evarist Bartolo, lill-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Deborah Schembri, lill-Onor. Prim Ministru u Times of Malta fejn jigu nfurmata li l-post huwa ta' periklu u t'inkonvenjent ghar-residenti u hemm bzonn li sa qabel l-ahhar ta' Settembru ghandu jitnaddaf u jinghalaq. Fin-nuqqas ta' dan, ghandhom jigu nfurmata li x-xoghol ser isir mill-Kunsill ghas-spejjez tal-kumpanija Fino Group.

6.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li s-sit huwa privat u ghalhekk il-Kunsill ma jistax jintervjeni fih.

**46/2771/16/O**
**11/08/2016**
Email li ntbaghtet lill-Membri tal-Kunsill fejn b'riferenza ghall-proposta ta' one way fi Triq Patri Indri Vella, il-Kunsill baghat proposta emendata li tindika l-flow tat-traffiku u ntalbu l-kummenti jew l-approvazzjoni.

6.09. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2771/16/O** is-Sindku Dean Hili rrimarka li dan is-suggett ghandu jigi diskuss fil-prezenza tal-Vici Sindku Raymond Lanzon ladarba kien huwa l-persuna li ressaq il-proposta.

**46/2823/16/I**
**17/08/2016**
Email minghand Cheryle Chetcuti fejn b'referenza ghall-iskip li tpoggiet fi Triq Pietru D'Armenia talbet sabiex titnehha mill-aktar fiss u titpogga fejn kienet minhabba li skip wahda mhux bizzejjed u spiccaw b'hafna boroz barra l-iskip.

**46/2921/16/I**
**29/08/2016**
Email minghand Cheryle Chetcuti fejn qed terga' tikteb sabiex titnehha l-iskip li tpoggiet fi Triq Pietru D'Armenia.

6.10. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2823/16/I u 46/2921/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li din l-iskip ghandha tibqa' fejn tinsab prezentament wara li giet imcaqilqa peress li jidher li qed tiffunzjona tajjeb.

6.11. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2859/16/I**
**22/08/2016**
Email minghand il-Maintenance Monitoring Unit fejn baghtu rapport 2949 dwar irrangar ta' illuminated bollard fi Triq il-Profs. Walter Ganado.

**46/2908/16/O**
**26/08/2016**
Email lill-Maintenance Monitoring Unit fejn b'referenza ghar-rapport 2949 bollard fi Triq Profs. Walter Ganado nfurmajnihom li ghalkemm t-triq mhux distributorji/arterji, x-xoghol kollu konness ma' din it-triq inkluz tabelli u marki tat-traffiku, belishia u pellican lights dejjem saru minn TM.

**46/2925/16/I**
**29/08/2016**
Email minghand il-Maintenance Monitoring Unit fejn b'referenza ghar-rapport 2949 dwar il-bollard imkissra fi Triq il-Profs. Walter Ganado nformat lill-Kunsill li TM m'ghandhomx programm li tkopri din it-triq ghalhekk ir-responsabilita' taqa' fuq il-Kunsill.

6.13. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2859/16/I, 46/2908/16/O u 46/2925/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li dawn il-light bollards ghandhom jitnehhew u minflok isiru tabelli li jirriflettu.

6.14. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2875/16/I**
**23/08/2016**
Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'referenza ghal cirkulari 8/2016 dwar inizjattiva finanzjarja favur il-komunita' libreriji lokali/regjonali nformaw lill-Kunsill li d-Dipartiment ser jaghti l-Kunsill l-ammont ta' €600 f'ghajnuna ghal-Librerija Lokali.

6.16. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2875/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li tigi avvicinata l-librara biex jinxtraw il-kotba li hemm bzonn.

6.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2885/16/I**
**24/08/2016**
Cirkulari 16/2016 mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv.

6.19. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2885/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li din il-hatra ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss sakemm tinstab persuna addattata.

6.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2901/16/I**
**26/08/2016**
Cirkulari 17/2016 mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar nuqqas ta' attendenza ghal-laqghat minn Membri u Kunsilliera.

6.22. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2901/16/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2912/16/I**
**29/08/2016**
Cirkulari 18/2016 mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Ordnijiet Permanenti li fuqhom ghandhom jitmexxew il-laqghat tal-Kunsilli Lokali.

6.23. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2912/16/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2922/16/I**
**29/08/2016**
Notifika li rcievew korrispondenza gdida dwar il-permess PA01399/16 - construction of additional 2 courses opramorta & washroom DR C, Flt 12,Triq Juno.

6.24. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2922/16/I** il-Kunsillier Mark Causon irrimarka li l-Kunsill jistenna li l-PA m'ghandiex tohrog dan il-permess peress li l-izvilupp propost imur kontra diversi policies tal-istess Awtorita'.

## 07. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

7.01. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li m'hemm xejn previst ghajr dak diga approvat.

## 08. Aggudikar ta' tenders 04, 05, 06/2016.

8.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghat-tenders li waslu biex jiskadu fejn ippropona li:

- Tenders 08/2013, 09/2013 u 10/2013 ghandhom jiggeddu sal-ahhar ta' Ottubru 2016 sakemm jintemm il-process tal-offerti li ghalqu fil-jiem li ghaddew;
- Tender 11/2013 (Maintenance of Road Markings) li tiskadi fil-31/01/2017 ghandha tinhareg mill-gdid;
- Tender 13/2013 (Contracts Manager) li tiskadi fil-31/03/2017 ghandha tinhareg mill-gdid;
- Tender 04/2014 (Maintenance Construction & Reconstruction of Pavements) li tiskadi fil-31/12/2016 ghandha tiggedded ghall-perjodu ta' sena ohra;
- Tender 05/2014 (Maintenance Construction & Reconstruction of Roads) li tiskadi fil-31/12/2016 ghandha tiggedded ghall-perjodu ta' sena ohra;
- Tender 06/2014 (Maintenance of Traffic Signs) li tiskadi fil-31/12/2016 ghandha tiggedded ghall-perjodu ta' sena ohra;
- Tender 07/2014 (Christmas Street Lights Decorations) li tiskadi fit-08/12/2016 ghandha tiggedded ghall-perjodu ta' sena ohra;

- Tender 03/2015 (Cleaning & Manitenance of Parks & Gardens) li tiskadi fil-11/11/2016 ghandha tiggedded ghall-perjodu ta' sena ohra;
- Servizz ta' Librara (Ms. Lara Calleja) li jiskadi fil-31/12/2016 ghandhu jiggedded ghall-perjodu ta' sena ohra; u
- Photocopy service li jiskadi fid-09/04/2017 ghandhom jinhargu offerti godda.

8.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Dok. 5, 6 u 7)**

9.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata nkluz bin-nuqqasijiet proposti ghajr dawk li ghad iridu jigu ccertifikata mill-CM u/jew il-Perit tal-Kunsill.

9.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Materji ohra.

10.01. Dwar ir-rapport li l-CM ressaq lill-Kunsill dwar dumping fi Triq Medjez (46/2935/16/I), is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li kien ser isir rapport lill-Pulizija biex jittiehdu l-passi li hemm bzonn.

10.02. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fis-2:50pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2016 fis-1.00pm.

**IFFIRMATA**

**Dean Hili**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

**Kevin Borg**
*Segretarju Ezekuttiv*

*Data: 27 ta' Settembru 2016*

Dok 1

**Pembroke Local Council at DLG**

| | |
|---|---|
| **From:** | Lanzon Raymond at DLG |
| **Sent:** | 02 September 2016 11:43 |
| **To:** | Pembroke Local Council at DLG |
| **Cc:** | lanzonap@go.net.mt |
| **Subject:** | Laqgha tal-Kunsill |

Ghaziez Segretarju,

Nirreferik ghall-ahhar laqgha tal_Kunsill li saret nhar it-Tlieta 30 ta Awwissu 2016.

Kif kont infurmajt lil-Kunsill waqt l-ahhar laqgha jien ma stajtx nattendi ghal-Laqgha tat-30 ta Awwissu minhabba li kont sa nkun imsiefer.

Ghaldaqstant nitlob li nigi immarkat skuzat ghal-din il-laqgha.

Ray Lanzon

Kunsillier

02 SEP 2016
46/2997/16/1

Dok 2

## Pembroke Local Council at DLG

**From:** Rebecca Spiteri <rebspi@hotmail.com>
**Sent:** 30 August 2016 15:22
**To:** Pembroke Local Council at DLG
**Subject:** Re: Laqgha tal-Kunsill 10/K7/2016

Lill-membri kollha tal-kunsill,
Nixtieq niskuza ruhi tan-nuqqas t'attendenza minn naha tieghi ghal-laqgha tal-llum, izda kelli problema zghira tal-familja u nsejt ninfurmakom.
Nerga' niskuza ruhi,
Rebecca Spiteri.

On 23 Aug 2016, at 13:30, Pembroke Local Council at DLG <pembroke.lc@gov.mt> wrote:

> Lill-membri kollha tal-Kunsill
>
> Anness qed nibgħat kopja ta' dokumenti li ser jiġu preżentati u / jew diskussa fil-laqgha li jmiss.
>
> Tislijiet,
>
> ***Kevin Borg***
> ***Segretarju Eżekuttiv***
>
> Kunsill Lokali Pembroke
> Triq Alamein
> Pembroke, PBK 1776.
> Malta
>
> Tel : +356 2137 2111
> Mob : +356 7937 2111
> Email : pembroke.lc@gov.mt
> Web Site : www.pembroke.gov.mt
>
> <image002.jpg>
>
> *Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail.*
>
> *This message may contain sensitive information and is intended solely for the individual named. If you are not the intended recipient you should not disseminate, distribute or copy the contents of this e-mail. If you have received this message by mistake, please notify the sender immediately and permanently destroy both the message and its contents. The security, reliability of delivery and integrity of this e-mail transmission cannot be guaranteed as information could be modified in transit or may contain viruses. The sender, therefore, does not in any way accept any liability that may arise through this message.*
>
> <CIR 10 K7 2016 (30_08_2016).pdf>
> <MINUTI 09 K7 2016 (26_07_16) - Pagamenti.pdf>
> <MINUTI 09 K7 2016 (26_07_16).pdf>

Kunsill Lokali Pembroke
31 AUG 2016
46/2941/16/1

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 014/2016** **11 ta' Awwisu 2016**

## Kwotazzjoni għal Trasport

Il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet għal trasport minn Pembroke għac-Cirkewwa u lura għall-attivita' li jorgaizza l-Kunsill gewwa Ghawdex

| | |
|---|---|
| Paramount | €106.20 VAT inkluz |
| Koptaco Coaches | €141.60 VAT inkluz |
| Zarb Coaches | €118 VAT inkluz |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 4

**Internal Memo Referenza 15/2016** **29 ta' Awwisu 2016**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 09/K7/16 u 10/K7/16

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 26/07/2016 | Laqgha tal-Kunsill 09/K7/2016 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 04/08/2016 | Laqgha mar-Regjun Tramuntana flimkien mal-Contracts Manager | Ufficcju, San Pawl il-Bahar | Kevin Borg |
| 04/08/2016 | Laqgha mar-Regjun Tramuntana flimkien mad-Direttur ghall-Gvern Lokali | Ufficcju, San Pawl il-Bahar | Kevin Borg |
| 18/08/2016 | Laqgha ma' Baystreet rigward xi attivitajiet li jridu jaghmlu fil-lokal | Baystreet | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 23/08/2016 | Invit minghand id-DLG għal prezentazzjoni lill-Kunsilli Lokali li se jibbenefikaw mill-Inizjattiva Finanzjament għal Libreriji Lokali/Reġjonali. | Gnien tac-Cinizi, Santa Lucija | Kevin Borg |
| 29/08/2016 | Invit lis-Sindku minghand SkolaSajf ghall-attivita li ser issir ghat-tfal. | Skola Primarja | Dean Hili |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Dean Hili LL. D **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg